## NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 67 - IT-TLIETA 28 TA' NOVEMBRU 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-19:42) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17:31) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fis-18:24) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kinsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Skużati: | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Benjamin Bugeja | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Kien hemm 4 membri mill-pubbliku preżenti | |

### 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Viċi Sindku kien infurmah li ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba li kien marid. Huwa pprovda ċertifikat mediku.

1.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien il-17:31.

1.3. Is-SE informa ukoll li l-Kunsillier Sciberras kien maqbud bix-xogħol u hemm possibilità li ma jlaħħaqx jasal għal-laqgħa.

1.4. Kopja tal-emails annessi f'A.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-minuti ġew approvati, *nem con*, wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Gatt. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.3. Is-Sindku staqsiet dwar punt nru. 3.10 mill-minuti, dwar il-*community art project propost* mill-artist James Woodall. Hija fakkret li l-Kunsill kellu jidentifika post fejn għandha titpoġġa l-arti.

2.4. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li l-arti titpoġġa f'Labour Avenue isfel lejn l-istage tal-linja.

2.5. Is-Sindku semmiet ukoll punt nru 3.22, dwar ċ-ċerimonja tal-għoti tal-unur tal-EloGE. Hija infurmat li kif kien maqbul permezz ta' email, biex flimkien magħha u s-SE kellu jattendi għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-unur is-Sur Benjamin Bugeja ukoll, wieħed mill-iskrivani tal-Kunsill li ħadem ħafna fuq is-sottomissjoni tal-proġett.

2.6. Il-Kunsill ikkonferma u qabel.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku infurmat li s-SE avżaha li l-Kunsill kellu jorganizza l-laqgħa tal-lokalità sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena. Il-Kunsill ħass li meta l-laqgħa ssir f'Diċembru ma jattendi kważi ħadd u b'hekk jintilef l-iskop tal-laqgħa.

3.2. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Laqgħa tal-Lokalità ssir fit-23 ta' Jannar 2017.

3.3. F'dan l-istadju s-SE issuġġerixxa li l-Kunsill jiddeċiedi d-data għall-laqgħa li jmiss ta' Diċembru mill-ewwel ħalli jkun jista' jippjana aħjar. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li l-laqgħa li jmiss issir fid-19 ta' Diċembru 2017.

3.4. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mas-CEO u l-ispettur tar-reġjun ta' LESA. Il-Kunsillier Brincat ikkummenta li l-problema fil-pjazza għadha hemm u hemm bżonn li tinsab soluzzjoni. Is-Sindku kompliet billi qalet li LESA lesta li tgħin fejn jidħol edukazzjoni billi jipprovdu taħdidiet għall-pubbliku.

3.5. Is-Sindku semmiet li attendiet attività fejn xi Kunsilli ingħataw il-*Light Blue Award* għar-riċiklaġġ ta' ħwejjeġ. Il-Kunsill tan-Naxxar ma kkwalifikax għal dan l-*award*, li jfisser li mhux isir biżżejjed riċiklaġġ ta' ħwejjeġ. Għalhekk appellat li l-Kunsill jippromwovi aktar r-riċiklaġġ ta' ħwejjeġ ukoll.

3.6. Is-Sindku infurmat li Miss Naxxar ġiet inkurunata Miss Republic of Malta.

3.7. Is-Sindku infurmat li saret press conference fl-inħawi ta' Scotts Supermarket dwar il-proġett Urban Greening Project, fit-23 ta' Novembru fil-preżenza tal-Ministru tal-Ambjent l-Onor Jose Herrera.

3.8. Is-Sindku semmiet li marret fuq il-programm Life & Style fis-27 ta' Novembru biex tippromwovi l-attività tal-Milied.

3.9. Is-Sindku infurmat li l-komunikazzjoni mal-pubbliku permezz ta' materjal stampat, bħall-"Kuntatt mal-Kunsill tiegħek" se jibdew ikunu responsabbiltà tagħha minflok tal-Kunsillier Sciberras.

3.10. Is-Sindku infurmat li x-xogħol fi Triq il-Markiz Scicluna miexi sewwa.

3.11. Is-SE spjega li se jibda żvilupp imminenti fil-parti ta' Triq il-Markiż Scicluna li min-naħa tal-parkeġġ tat-Trade Fair taqbad mal-parti l-antika (fejn l-Inġinier). Għalhekk biex ma jsirx xogħol inutli li jerġa jitkissew, dik il-parti se tinqabeż. Il-Kunsill qabel.

3.12. Is-Sindku infurmat li kienet saret intervista waħda għal-post ta' skrivan mis-sejħa interna, iżda l-persuna ma ntgħażlitx minħabba li ma nstabitx li hija addattata u għalhekk ġiet mitluba l-lista ta' kandidati tal-ETC.

3.13. Is-Sindku fakkret fl-attività tal-Milied li se ssir fis-16 u 17 ta' Diċembru.

3.14. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill irċieva €87,000 għax-xogħlijiet tat-tarmak li kienu saru fi Triq V. Boron u Triq Santa Marija. Hija rringrazzjat lis-SE u l-amministrazzjoni għall-ħidma tagħhom biex setgħu inġiebu dawn il-fondi.

3.15. F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li jiġi diskuss punt nru. 8 tal-Aġenda. Il-Kunsill qabel.

## 4. L-APPLIKAZZJONI GĦAT-TPOĠĠIJA TA' MWEJJED U SIĠĠIJIET (PA 05524/17)

4.1. Fis-17:55 il-Kunsill issospenda l-laqgħa biex jgħati opportunità lil membri tal-pubbliku jitkellmu.

4.2. Il-laqgħa tkompliet fis-18:15.

4.3. Il-Kunsillier Brincat informa li ma jaqbilx li jkun hemm pjattaforma li tiżżarma. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jinforma lill-Awtorità tal-Ippjanar li ma jaqbilx li jitneħħa l-parkeġġ, però jekk m'hemm l-ebda soluzzjoni oħra, u xi parkeġġ irid jitneħħa, jintużaw l-aħħar pjanti fejn jitneħħa parkeġġ wieħed biss.

4.4. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sciberras. Il-ħin kien 18:24.

4.5. Il-Kunsill reġa' ssospenda l-laqgħa fis-18:48 biex jerġa jgħati ċans lill-pubbliku jitkellem.

4.6. Il-laqgħa tkompliet fis-18:53.

4.7. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lill-Awtorità jinfurmaha li l-Kunsill jibqa' joġġezzjona għat-teħid tal-parkeġġ, iżda jekk l-Awtorità tal-Ippjanar tiddeċiedi li tnaqqas parkeġġ, il-Kunsill ma jaqbilx li jkun hemm pjattaforma jekk mhux permanenti u jekk ikun meħtieġ alterazzjoni tal-bankina, l-ispejjeż kollha jkollu jagħmilhom l-applikant.

4.8. Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-implimentar ta' policy għall-imwejjed u siġġijiet ġewwa n-Naxxar, fejn qabel li jiltaqa' mal-konsulenti tiegħu, l-ADI Associates, sabiex ikunu jistgħu jgħinu fl-abbozzar tal-policy. Fil-frattemp il-Kunsill qabel li l-policy għandha tinkludi li l-imwejjed u siġġijiet għandhom ikunu fi spazju definit u ċċirkondat filwaqt li jkunu stabbiliti spazju ta' 'kuriduri' għall-pubbliku. Sadanittant il-Kunsill jibqa' joġġezzjona fuq telf ta' parkeġġ.

4.9. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea. Il- ħin kien it-19:42.

## 5. KONTINWAZZJONI TAL-KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku infurmat li kienet waslet email mingħand is-CRPD wara li hija daret dawra ma' persuna nieqes mid-dawl. Dawn ipproponew numru ta' suġġerimenti li kien hemm qbil li possibilment għandhom ikunu implimentati.

5.2. Is-Sindku infurmat li kien hemm applikazzjoni (PA 4152/16) quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi deċiża u li kienet mitluba minn residenti biex isiru rappreżentazzjonijiet mill-Kunsill kontra l-proġett.

5.3. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jissospendi ftit il-laqgħa ħalli jitkellem resident. Dan informa lill-Kunsill li l-iżvilupp jinkludi ristoranti u faċiltajiet oħra mhux biss dawk komunitarji.

5.4. Il-Kunsill kompla bil-laqgħa ħames minuti wara fejn qabel li għandu jattendi l-Kunsillier Spiteri biex jivvota fuq l-applikazzjoni. Huwa għandu jwassal li l-Kunsill mhux qed joġġezzjona iżda importanti li jkunu mserrħa l-imħuħ tar-residenti.

5.5. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsillier Spiteri jattendi l-laqgħat tal-PA minflok is-Sindku.

## 6. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

6.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

7.1. Il-Kunsillier Brincat iddikjara kunfiltt ta' interess dwar kont wieħed mill-pagamenti u għalhekk kellu jastjeni mid-deċiżjoni.

7.2. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'B wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

7.3. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'Ċ, D u E rispettivament.

7.4. Is-SE informa li qed tinħass il-ħtieġa ta' camera tar-ritratti tajba biex ikunu jistgħu jittieħdu ritratti ta' kwalità kull meta jinħass il-ħtieġa. Camera DSLR tajba tiswa madwar l-€1000. Il-Kunsill qabel li tinxtara l-camera.

7.5. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart, u spjega li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija tajba. Kopja annessa f'F.

## 8. MOZZJONI DWAR TISBIEĦ FIN-NAXXAR

8.1. Is-Sindku fakkret fl-Urban Greening Project li għadu kemm implimenta l-Kunsill b'fondi mill-Ministeru tal-Ambjent u ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jinkludi €30,000 fil-baġit li jmiss biex isir proġett ieħor biex jibbenefikaw aktar toroq. Din kienet issekondata mill-Kunsilliera Cuomo. Kopja tar-riżoluzzjoni hija annessa f'G.

8.2. Il-Kunsill qabel.

8.3. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Cumo talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-19:55.

## 9. JUM IN-NAXXAR

9.1. Is-Sindku infurmat li l-attività ta' Jum in-Naxxar se ssir ġewwa Villa Arrigo, li qed joffru s-sala, palk, siġġijiet u apparat b'xejn, però se jkun hemm spiża għall-kull persuna li tinkludi *welcome drink*.

9.2. Infurmat ukoll li se jkun hemm xi spejjez relatati ma' backdrop li se jiġi ordnat mingħand Studio 7.

9.3. Il-Kunsillier Brincat informa li se jkun imsiefer u għalhekk mhux se jkun jista' jattendi għal din l-attività.

9.4. Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk l-attività hix miftuħa għall-pubbliku jew inkella b'invit biss.

9.5. Is-SE informa li għal din is-sena se tkun b'invit biss miħabba l-problema li niffaċċjaw fil-loġistika meta ma tkunx taf kemm se jattendu nies, pero fil-futur tista' ssir sejħa għal interess biex jattendi l-pubbliku u jinħarġulom l-inviti. B'hekk inkunu nafu bejn wieħed u ieħor kemm persuni se jattendi.

9.6. Il-Kunsill approva l-lista ta' nominati b'xi emendi kif anness f'Ġ.

9.7. Is-Sindku ssuġġeriet li kull Kunsillier jippreżenta premju. Il-Kunsill qabel.

9.8. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jiġi diskuss punt nru 13 mill-Aġenda.

## 10. PROPOSTA GĦAL PARKEĠĠ TAĦT IL-BANDLI

10.1. Is-Sindku infurmat li hemm interess sabiex isir parkeġġ taħt il-bandli. Dan naturalment ikun ta' ġid, minħabba l-problema kbira ta' parkeġġ speċjalment fiċ-ċentru tan-Naxxar.

10.2. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għal proposti, u jkollu l-għajnuna tal-Avukat. Wara imbagħad il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi dwar l-aħjar proposta u jippreżenta lilha.

## 11. PROPOSTA GĦAL DAWL U TIŻJIN F'NUMRU TA' ĠONNA GĦAL ŻMIEN IL-MILIED

11.1. Is-Sindku ssuġġeriet li jsir tiżjin f'numru ta' ġonna għal żmien il-Milied biex b'hekk aktar residenti jkollhom żoni mżejna bl-atmosfera tal-Milied. Hija infurmat li l-ispiża m'għandiex taqbeż l-Eur1000.

11.2. Il-Kunsill qabel.

## 12. PARTEĊIPAZZJONI U SĦUBIJA FL-EKOSKOLA

12.1. Il-Kunsill qabel li jgħin f'attivitajiet relatati ma' din l-inizjattiva. Dan peress li din hija inizjattiva edukattiva b'kollaborazzjoni mal-iskejjel tal-lokal.

## 13. APPLIKAZZJONI GĦAL SISTEMA TA' *SHARED BICYCLES*

13.1. Il-Kunsill qabel li japplika għall-fondi biex ikunu installati shared bicycles mal-lokalità.

## 14. BŻONN TA' RISTRUTTURAR U AKTAR SPAZJU TA' STORAGE FL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL

14.1. Is-Sindku infurmat li hemm bżonn li jiġi mmassimiżżat l-ispazju ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill minħabba li l-ispazju qiegħed dejjem ikun aktar ristrett.

14.2. Is-SE ikkonferma li hemm problema ta' spazju ġewwa l-uffiċini u spiss qiegħed jinġieb materjal u ma jkunx hemm fejn jitpoġġa.

14.3. Il-Kunsill qabel li jiddaħħal vot fil-baġit li jmiss biex isir ir-ristrutturar meħtieġ.

## 15. BŻONN TA' KISI TAL-FAĊĊATA TAL-KUNSILL

15.1. Il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess biex tinkesa l-faċċata tal-Kunsill. Għalhekk għandu jiddaħħal vot fil-baġit li jmiss għal dan ix-xogħol.

## 16. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

16.1. Kif maqbul aktar kmieni fil-laqgħa, l-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fil-17:30.

16.2. Il-laqgħa intemmet fis-20:30.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |